KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Ċittà Ferdinand

# Rapport Amministrattiv

## Jannar – Diċembru 2019

Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi – 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi SGW 1073
t +356 2146 6000 f +356 2146 2946
e siggiewi.lc@gov.mt w www.siggiewi.gov.mt KLSiggiewi

KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

## *Introduzzjoni mis-Sindku*

Dan ir-rapport amministrattiv ikopri il-ħidma li saret mill-Kunsill Lokali Siġġiewi bejn l-1 ta' Jannar 2019 u l-31 ta' Diċembru 2019 filwaqt li jħares 'il quddiem għas-sena 2020.

Kif wieħed jista' jara din is-sena kien hemm programm sħiħ ta' ħidma f'dik li tirrigwardja manutenzjoni, xogħolijiet infrastrutturali, proġetti edukattivi, inizjattivi ambjentali u tisbiħ fil-lokalita' tagħna.

Is-sena 2019, kienet is-sena tal-elezzjoniet tal-Kunsilli Lokali fejn fis-Siġġiewi ġie maħtur kunsill ġdid f'Lujlu 2019. Dan il-Kunsill ħadem mill-ewwel sabiex ikun hemm kontinwita' mal-kunsill preċendenti u tkomplew diversi inizjattivi u proġetti li kienu nbdew. Dan filwaqt li ħadem fuq diversi inizjattivi ġodda.

L-ambjent qed jingħata importanza kbira, fejn matul is-sena tħawwlu diversi siġar u arbuxelli madwar il-lokalita. Dawn saru b'kollaborazzjoni mal-Kunsill tat-Tfal u l-Kunsill taż-żagħżagħ sabiex dawn l-inizjattivi jħallu l-frott lil hinn mill-attivita nnifisha. Saret ukoll attivita' relatata mal-European Week of Waste Reduction fejn bħala Kunsill, flimkien mal-Kunsilli tat-tfal u taż-żagħżagħ ħeġġigna lir-residenti jużaw anqas *single use plastics*.

Il-Kunsill, flimkien ma' entitajiet governattivi, ħadem qatiegħ fuq l-infrastruttura kemm dik urbana kif ukoll rurali b'diversi toroq jingħataw wiċċ ġdid, filwaqt li saru bankini ġodda. Dan jikkumplimenta ix-xogħol ta' manutenzjoni kontinwa li jsir matul is-sena fuq bankijiet, bankini, mirja u tabelli fit-toroq.

L-attivitajiet li ġew organizzati mill-Kunsill, saru b'kollaborazzjoni mal-għaqdiet kollha Siġġiwin. Dan sar ukoll sabiex dawn l-istess għaqdiet igawdu aktar minn fondi u għalhekk ikollhom aktar għajnuna sabiex ikomplu bil-ħidma tagħhom. Tnediet sistema sabiex għaqdiet interessati jgħinu fil-ħidma tal-kunsill bi ħlas u dan jgħin ukoll sabiex dawn l-għaqdiet itejbu is-servizzi tagħhom.

Lil hinn min dan kollu, l-amministrazzjoni tal-kunsill wieġbet u indirizzat mijiet ta' ilmenti u kummenti tar-residenti u dan sabiex noffru l-aħjar servizz lir-residenti.

Dan l-ispazju huwa qasir sabiex nelenka dak kollhu li sar matul din is-sena mill-Kunsill Lokali. Nixtieq nirringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv tal-impenn u d-dedikazzjoni tagħha matul is-sena kollha. Nirringrazzha wkoll l-istaff kollhu tal-Kunsill tas-Siġġiewi tax-xogħol kostanti tagħhom. Ringrazzjament imur ukoll lejn il-Kunsilliera sħabi kollha tal-appoġġ u l-impenn tagħhom. Nappella sabiex b'għaqda nkomplu naħdmu kollha għall-interess taċ-ċittadini Siġġiwin kollha.

**Dr. Kurstein Sant**
*Sindku*

Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi - 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi SĠW 1073
t +356 2146 6000 f +356 2146 2946
e siggiewi.lc@gov.mt w www.siggiewi.gov.mt KLSiggiewi

KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

## *Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi*

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi, Citta' Ferdinand, belt b'popolazzjoni li llum il-ġurnata qabżet it- 8500 skont il-popolazzjoni stmata għal kull lokalita', huwa magħmul minn seba' Kunsilliera, b'Sindku u Viċi-Sindku, eletti direttament mill-poplu tas-Siġġewi. L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabilitajiet kollha skont l-Att XV ta' l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hi mmexxija mis-Segretarju Eżekuttiv, bl-assistenza ta' erba' impjegati skrivani fix-xogħol tal-Uffiċċju. Biex jgħinu fil-ħidma tiegħu, il-Kunsill jaħtar Kumitati/Sotto Kumitati, fejn il-funzjoni ta' dawn il-Kumitati/Sotto Kumitati, imwaqqfa fi ħdan il-Kunsill, hija proprju li jipproponu, jiddiskutu u jassistu lill-Kunsill fit-tħejjija tal-pjanijiet tiegħu sabiex ikunu mwettqa dawk ir-responsabbilitajiet fdati lill-Kunsill, bħala Gvern Lokali.

Bħalissa l-Kunsill għandu tlett ħaddiema assenjati minn skemi ta' RSSL (2) u CWS (1) biex jgħinu fl-operat ta' kuljum, kemm fix-xogħol tal-uffiċċju u anka xogħol ta' manutenzjoni ġenerali.

Bejn Jannar u Ġunju, il-Kunsill kompost minn Dr. Alessia Psaila Zammit bħala Sindku, il-Perit Julian Borg bħala Viċi Sindku, Dr. Mark A. Vassallo, Gillian Farrugia Pace, Clayton Cutajar, Dominic Grech, u Nicholas Cassar bħala Kunsilliera. Din is-sena kien hemm bidla fil-membri tal-Kunsill, wara li f'Mejju 2019 kien hemm l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali. Il-membri tal-Kunsill baqgħu jokkupaw il-kariga sal-31 ta' Ġunju, meta mill-1 ta' Lulju daħlu f'funzjoni il-Kunsilliera membri ġodda, eletti mill-poplu tas-Siġġiewi biex jaħdmu b'responsabbilta' għal ġid tal-lokal. Minkejja li kien hemm bidla fil-membri tal-Kunsill, l-Amministrazzjoni mmexxija mis-Segretarju Eżekuttiv (Kap Amministrattiv, Eżekuttiv u Finanzjarju), tassigura kontinwita' f'dak li huwa xogħol, u tassigura li x-xogħlijiet u servizzi lir-residenti tal-lokal jibqgħu addejjin mingħajr xkiel.

**L-amministrazzjoni**

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi hija magħmula hekk:

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv: | Ms. Ritienne Giorgino |
| Impjegati klerikali: | Ms. Maria Muscat, Ms. Maria Sammut, Ms. Martina Galea u Ms. Dorianne Gerada (RSSL) |

Ms. Maria Muscat ġiet maħtura Deputat Segretarju Eżekuttiv skond Artiklu 50 tal-Att dwar il-gvern Loklali (Art 363) u regolament 7 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 363.20 (Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani).

Il-membri l-ġodda eletti u maħtura b'funzjoni nhar it-18 ta' Ġunju 2019, fejn il-membri eletti ħadu l-ġurament ta' Kunsilliera. Is-seba' membri eletti kienu dawn:

- Dr. Alessia Psaila Zammit
- Julian Borg
- Dr. Kurstein N. Sant
- Rodianne Haber
- Dominic Grech
- Adrian Farrugia
- Francine Farrugia

Fl-ewwel Seduta tat-8 Leġislatura, Seduta 373 tal-Kunsill li tlaqqgħet fit-2 ta' Lulju 2019, il-Kunsillier Dr. Kurstein A. Sant ġie kkonfermat bħala Sindku, filwaqt li Rodianne Haber ġiet konfermata bħala Viċi Sindku.

Il-Kunsilliera ġew fdati b'responsabiltajiet skond l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap 363), taħt l-14-il Skeda.

**Responsabbiltajiet tal-Kunsilliera (approvati f'Seduta 373/376)**

**Kurstein Sant**
- Proġetti Kapitali
- Sport u Attivita Fiżika
- Saħħa fil-Komunita'

**Rodianne Haber**
- Tfal u żagħżagħ
- Edukazzjoni
- Anzjani u Persuni b'Diżabilta'

**Alessia Psaila Zammit**
- Ambjent

**Julian Borg**
- Infrastruttura
- Innovazzjoni

**Dominic Grech**
- Ħarsien tal-Wirt Storiku u Kulturali
- Inizzjattivi Kulturali fis-Siġġiewi
- Fondi minn skemi lokali u tal-Unjoni Ewropeja

**Adrian Farrugia**
- Indafa (żona urbana u rurali, lattrini pubbliċi u ġbir ta' skart)
- Koordinazzjoni tal-Attivitijiet
- Koordinament tal-Għaqdiet

**Francine Farrugia**
- Ħarsien tad-drittijiet tal-Annimali
- Qasam soċjali u Komunitajiet
- Inizjattivi soċjali u Integrazzjoni

(Ara r-rapporti tal-Kunsilliera annessi ma' dan ir-rapport)

Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi - 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi SĠW 1073
t +356 2146 6000 f +356 2146 2946
e siggiewi.lc@gov.mt w www.siggiewi.gov.mt KLSiġġiewi

KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI

Din is-sena tlaqqgħu 19-il Seduta tal-Kunsill, 8 fis-seba' Leġislatura, minn Jannar sa Ġunju u 11 fit-tmien Legislatura tal-Kunsill, minn Lulju sa Diċembru. L-attendenza tal-Kunsilliera għas-Seduti kienet hekk:

Seduti bejn Jannar u Ġunju 2019 – Seduti numru 365-372
Total 8

**Attendenza tal-Kunsilliera**

| | |
|---|---|
| Dr. Alessia Psaila Zammit | 7/8 |
| Perit Julian Borg | 7/8 |
| Clayton Cutajar | 3/8 |
| Dominic Grech | 6/8 |
| Nicholas Cassar | 8/8 |
| Dr. Mark A. Vassallo | 6/8 |
| Gillian Farrugia Pace | 6/8 |




Seduti bejn Lulju u Diċembru 2019 – Seduti numru 373-383
Total 11

**Attendenza tal-Kunsilliera**

| | |
|---|---|
| Dr. Kurstein N. Sant | 11/11 |
| Rodianne Haber | 9/11 |
| Dr. Alessia Psaila Zammit | 9/11 |
| Il-Perit Julian Borg | 11/11 |
| Dominic Grech | 8/11 |
| Adrian Farrugia | 11/11 |
| Francine Farrugia | 10/11 |




**Ilmenti**

"Kull lokalità għandu jkollha Kunsill Lokali li jkollu dawk il-funzjonijiet kollha li jingħataw lilu b'dan l-Att"

Il-Kunsill Lokali għandu l-obbligu jatwa l-funzjonijiet tiegħu kif tippermetti l-Liġi (Att dwar il-Gvern Lokali Kapitolu 363)

Tul is-sena ġew reġistrati mal-elfejn u ħames mitt ilment.
Il-maġġor parti tal-ilmenti jkunu imqassma hekk:

- servizz ta' ġbir ta' skart goff
- qtugħ ta' ħaxix u tindif fiż-żona rurali
- bozoz maqtugħa, shifting, bozoz ġodda
- ilment relatati ma tabelli u sinjali tat-traffiku inkluż mirja
- tindif fiż-żona rurali, knis u ġbir ta' skart
- ilmenti ġenerali ta' kull tip ieħor

KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI




Il-Kunsill ressaq għall-approvazzjoni ta' transport Malta diversi rikjesti minn residenti. L-iktar rikjesti komuni jkunu dawk ta' double yellow lines fil-ġnub tal-garaxxijiet għal-liberu aċċess.

Barra dawn ikun hemm bosta ilmenti 'day to day' li jiġu solvuti dak il-ħin, fosthom nuqqas ta' ġbir ta' skart, u water leakages li jiġu rrapurtati dak il-ħin.

Filwaqt li l-Kunsill jagħmel dak kollu possibbli biex jipprovdi l-aħjar servizz possibbli, ikunu diversi ir-rikjesti li ma jaqgħux taħt ir-responsabbilta' ta' Kunsill Lokali u anka li ma jkunux jistgħu jitwettqu minħabba limitazzjonijiet ta' finanzi.

Madankollu, il-Kunsill jagħmel il-pressjoni kollha neċessarja mal-awtoritjiet biex jikseb għajnuna kemm fuq xogħol u anka fuq finanzi għal ġid tar-residenti tal-lokal.

Filfatt saru diversi xogħlijiet maġġuri fosthom insemmu għoti ta' wiċċ ġdid :

F'parti minn Triq l-Imqabba
F'parti mit-triq ta' Għar Lapsi
Triq Mons. Mikiel Azzopardi
Triq Panoramika
Triq San Niklaw

Tul din is-sena, baqa' għaddej il-proġett maġġuri ta' bdil ta' servizzi f'diversi toroq rurali mill-Korporazzjoni għas-servizzi tal-ilma. Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi għamel insistenza mal-Awtorita' biex jingħata l-wiċċ tat-toroq kollha fejn kienu ser jiġu affetwati b'dan il-proġett. Il-proġett mistenni jitlesta fis-sena 2020.

Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi - 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi SĠW 1073
t +356 2146 6000 f +356 2146 2946
e siggiewi.lc@gov.mt w www.siggiewi.gov.mt KLSiggiewi

KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**Allokazzjoni finanzjarja**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ġie allokat mill-Gvern l-ammont ta' €833,361 għas-sena finanzjarja Jannar-Diċembru 2019.

Is-somma tinħadem fuq dawn il-kriterji:

- Tisbiħ u manutenzjoni ta' ġonna inkluż lattrini
- Manutenzjoni ta' toroq (tiswija u sinjali tat-traffiku)
- Manutenzjoni ta' toroq (knis u tindif ta' toroq urbani)
- Manutenzjoni ta' toroq (knis u tindif ta' toroq rurali)
- Immaniġġjar ta' skart (ġbir ta' skart u bins-on-wheels)
- Immaniġġjar tal-iskart (tipping fees)
- Spejjez ta' amministrazzjoni

Id-dħul prinċipali tal-Kunsill jiġi mill-Gvern Ċentrali. L-ispiża maġġuri tal-fondi huma l-kuntratti ta' servizzi fosthom tindif u manutenzjoni. Jintefqu ħafna flus ukoll għal tiswija ta' diversi ħsarat u rimi illegali li jistgħu jintużaw għal proġetti ta' tisbiħ li jista' jgawdi kulħadd.

Il-kuntratti maġġuri huma dawn:

- Ġbir ta' skart domestiku
- Manutenzjoni ta' roundabouts u żoni pubbliċi
- Knis
- Tindif ta' żoni rurali
- Tindif ta' lattrini
- Ġbir ta' skart goff
- Manutenzjoni ta' tabelli u sinjali tat-traffiku
- Patching

Dħul ieħor sostanjali jiġi minn diversi skemi li jinħarġu kemm għal fondi tal-UE u oħrajn u li l-Kunsill japplika għalihom. Il-Kunsill jieħu dawn l-applikazzjonijiet b'serjeta' kbira biex ikun jista' jissottometti l-maġġor parti tal-applikazzjonijiet b'suċċess u allura jkollu iktar fondi għal proġetti u attivitajiet għall-ġid tal-lokal u tar-residenti.

Il-Kunsill ikollu dħul ukoll mill-permessi li jinħarġu rregolati minn L.S.441.04, permessi ta' makkinarju, skips, mwejjed u siġġijiet, posta/kiosks u attivitajiet oħra li jinħtieġu permessi mill-Kunsill Lokali.

Il-Kunsill jirċievi ħlas mil-LESA ta' 10% tal-ħlasijiet ta' kontravenzjanijiet li jitħallsu fl-Uffiċċju tas-Siġġiewi.

Centru Ċiviku tas-Siġġiewi – 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi SĠW 1073
t +356 2146 6000 f +356 2146 2946
e siggiewi.lc@gov.mt w www.siggiewi.gov.mt KLSiggiewi